MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2014

Numru. 95/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Paul Micallef**

Numru 95/2013

Illum 6 ta' Mejju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Paul Micallef**, ta' wiehed u erbghin (41) sena, iben Carmel u Pauline neé Cauchi,

imwieled Rabat, Ghawdex nhar it-13 ta' Mejju 1972, residenti 'Anora', Triq l-Ispiera, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 12072(G) akkuzat talli nhar l-24 ta' Marzu, 2013 ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu (02.00hrs) gewwa Triq ir-Rabat, Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex jew f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer:

1. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€ 116.47) izda mhux aktar minn elf, mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) ghad-detriment ta' Mary Muscat (I.D. No. 13457(G)).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "D").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-kwerelanta Mary Muscat tiddikjara li hija thallset mill-imputat tal-hsarat li jsiru riferenza ghalihom fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u

semghetha wkoll tahfer lill-imputat ghal dak li ghamel u li kienet qed tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, il-fedina penali tieghu (Dok. "B"), l-ammissjoni bikrija tieghu u, kif ukoll, dak li ddikjarat il-kwerelanta fis-seduta tallum.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Paul Micallef hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

## **< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------